# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

## Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VICTORIA, VCT 1000, GĦAWDEX, MALTA
Tel: 21556661 – 21556427 – 21551211 Fax: 21551278
Website: www.gozodiocese.org E-mail:gozocuria@onvol.net khili@gozodiocese.org

## L-Ewwel ta' Jannar – Jum il-Paċi

Is-suġġett tal-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għal dan il-Jum Dinji tal-Paċi 2008 huwa:

**"IL-FAMILJA UMANA, KOMUNITA' TA' PAĊI"**

Il-Papa fost ħwejjeg oħra qal "*Kulma jgħin biex idgħajjef il-familja bbażata fuq iż-żwieġ bejn raġel u mara, kulma jmur direttament jew indirettament, kontra l-ftuħ tagħha biex taċċetta b'mod responsabbli ħajja ġdida, kulma jfixkel id-dritt għar-responsabbilita' primarja tagħha fl-edukazzjoni ta' l-ulied, jikkostitwixxi ostaklu oġġettiv fit-triq tal-paċi. Mingħajr il-familja, is-soċjeta' hija sempliċi aggregazzjoni ta' ġirien u mhux komunita' ta' aħwa rġiel u nisa msejħa biex jiffurmaw familja kbira waħda."*

## Ġimgħa ta' talb għall-għaqda tal-Insara

mit-18 sal 25 ta' Jannar 2008

Is-suġġett ta' din is-sena 2008 huwa: "**ITOLBU BLA MA TIEQFU**" (1 Tess,5,17)
Is-sena 2008 hija speċjali għaliex tfakkar il-mitt(100) sena Anniversarju mit-twaqqif ta' din il-Gimgħa ta' Talb għall-Għaqda ta' l-Insara. Din il-Gimgħa twaqqfet minn Father Paul Wattson Qassis Episkopaljna Franġiskan fil-U.S.A. li war sar kattoliku.

L-iskop ta' din il-Ġimgħa ta' Talb huwa:

- Biex nitolbu kif Kristu talab "Biex ilkoll inkunu ħaġa waħda"
- Biex nitolbu għall għaqda bejn l-insara kollha u hekk nieħdu sehem fil-ministeru ta' Kristu

It-talb ta' din il-ġimgħa huwa ikkonċentrat fuq il-parir ta' San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lit-Tessalonkin kap5 Vers 17 "*Itolbu bla ma tieqfu*"

It-Tieni Sinodu t'Għawdex, fid-Digrieti 71b u 72 dwar din il-Ġimgħa ta' Talb ghall-Għaqda ta' l-Insara jgħidilna
*"Għandha tkun imħeġġa bil-ħerqa kollha l-ħidma ekumenika ma' ħutna l-Insara li ma humiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja. Peress li meħtieġ ħafna t-talb, huma rrikmandati ħafna l-"Ġimgħat għall-Għaqda tal-Knejjes*" li jsiru fil-paroċċi, kif ukoll is-servizz ekumeniku li għandu jsir għall-insqas darba fis-sena.

Huwa mixtieq li l-Kattoliċi jissieħbu ma' l-aħwa mifrudin minna sabiex jagħmlu talb lil Alla fi kwalunkwe ħtieġa komuni li fiha jistgħu u għandhom jikkoperaw flimkien, per eżempju sabiex jissaħħu l-paċi fejjieda u l-ġustizzja soċjali. Il-Karita' reċiproka fost il-bnedmin, id-dinjita' tal-familja u ħwejjeġ bħal dawn.

# FESTA TA SANT' ANTON ABBATI FIX-XAGĦRA

## IL-HADD 20 TA' JANNAR 2008



Nhar il-Ħadd, 20 ta' Jannar ser issir il-Festa ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra. Fit-3.30 p.m quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex fil-Knisja Bazilika tax-Xagħra u wara fl-4.30 p.m. purċissjoni mill-Knisja tal-Paroċċa għal Sant'Anton fejn fil-Pjazza ta' Sant'Anton l-Isqof ibierek l-annimali.  Kulħadd mistieden.

NIXTIEQU NAGHTU L-AWGURI TAGĦNA GHAS-SENA GDIDA 2008 LIL DAWK KOLLHA LI JIEĦDU HSIEB IQASSMU, JAQRAW U JWETTQU DAK LI DIN L-"NEWSHEET" TAL-GĦAQDIET U MOVIMENTI TWASSLILHOM U LIL DAWK KOLLHA RESPONSABBLI U MEMBRI TAL-GĦAQDIET, MOVIMENTI U GRUPPI EKKLESJALI KIF UKOLL XANDARA TAL-MEZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI LI BIHA JINQDEW BIEX IWASSLU DAN IL-MATERJAL LI JSIBU FIHA GĦALL-FORMAZZJONAI TAS-SEMMIEGĦA U QARREJJA TAGĦHOM MINN XAHAR GHAL XAHAR MATUL DIN IS-SENA 2008.

| KALENDARJU PASTORALI | |
|---|---|
| **Jannar 2008** | **Numru 373** |
| **1, Tlieta** | Solennita' ta' l-Imqaddsa Omm Alla Marija. Messalin Sena A pagina 111<br>Il-41 Jum il-Paċi – Pontifikal fil-Katidral |
| **2, Erbgħa** | San Basilju l-Kbir u S. Girgor Nazjanzenu, Isqof u Duttur. Tifkira (0).<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani – Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb. |
| **3, Ħamis** | L-Isem imqaddes ta' Gesu' – Tifkira. |
| **4,Ġimgħa** | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| **5,Sibt** | Laqgħa ta Awguri għall-Kleru mal-Isqof fis-Seminarju fid-9:00 a.m.<br>L-ewwel Sibt tax-xahar. Lejl adorazzjoni mill- Mov. Ewkaristiku fil-Paroċċa ta' l-Għasri li jibda fit-8.00 p.m. |
| **6,Ħadd** | Solenita' ta l-Epinfanija tal-Mulej. Pontifikal fil-Katidral<br>Messalin sena A pgn 116. Jitħabbru l-Festi li jimxu ma' l-Għid<br>Films għall-familja kollha kull nhar ta' Ħadd fil 5.30p.m. fl-Oratorju Don Bosco.<br>Jum is-Santa Infanzja |
| **7,Tnejn** | San Raymondu ta' Penjafort - Tifkira |
| **11, Ġimgħa** | Laqgħa għall-Predikaturi tar-Randan u għall-Konfessuri. |
| **12, Sibt** | Lejl adorazzjoni mill- Mov. Ewkaristiku fil-Knisja ta' Sant'Anton, Xagħra li jibda fit-8.00 p.m. |
| **13, Ħadd** | Festa tal-Magħmudija tal-Mulej. Messalin A. Paġina 122<br>Il-95 Jum l-Emigranti u r-Refuġjati<br>Films għall-familja kollha kull nhar ta' Ħadd fil 5.30p.m. fl-Oratorju Don Bosco. |
| **14, Tnejn** | Lectio Divina Saċerdoti Zona D – (Parroċċa Nadur fil-4.00 p.m.) |
| **17, Ħamis** | Tifkira ta' Sant'Anton Abbati |
| **18-25** | Issir l-40 Ġimgħa ta' talb għall-għaqda bejn l-Insara. |
| **19, Sibt** | Lejl adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Knisja ta' Savina li jibda fit-8.00 p.m. |
| **20, Ħadd** | It-Tieni Ħadd tas-Sena. Messalin sena A. Paġina 256<br>Festa ta' Sant'Anton Abbati – Knisja ta' Sant'Anton, Xagħra<br>Films għall-familja kollha kull nhar ta' Ħadd fil 5.30p.m. fl-Oratorju Don Bosco. |
| **21, Tnejn** | Lectio Divina Saċerdoti Zona B (Paroċċa Għasri fl-4.00 p.m.) |
| **22, Tlieta** | San Pubbliju Prinċep tal-Gżira. Tifkir (0)<br>It-Tieni Anniversarju mill-Konsagrazzjoni ta' L-E.T.Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Nitolbu għalih<br>Quddiesa ta' Radd il-Ħajr – Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria fis-6:00 p.m. |
| **23, Erbgħa** | Prayers for Christian Unity (Servizz Ekumeniku – Leġjun ta' Marija) |
| **24, Ħamis** | San Fraġisk de Sales, Isqof u Duttur. Patrun tal-ġurnalisti<br>Quddiesa għall-ġurnalisti fil-Knisja Sorijiet Franġiskani, Victoria |
| **25, Ġimgħa** | Festa tal-Konverżjoni ta' l-Appostlu Missierna San Pawl – Knisja Marsalforn<br>Għeluq tal-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda ta' l-insara. |
| **26, Sibt** | San Timotju u San Titu isqfijiet – tifkira<br>Adorazzjoni għall-Qdusija tal-Persuni Kkonsagrati fil-Paroċċa tal-Fontana li tibda fis-6.00p.m.<br>Lejl adorazzjoni mill- Mov. Ewkaristiku fil-Knisja fil-kappella ta' l-Oratorju Don Bosco li jibda fit-8.00 p.m |
| **27, Ħadd** | It-Tielet Ħadd tas-Sena. Messalin sena A. paġina 261.<br>Festa ta' San Gwann Bosco – Oratorju Don Bosco, Victoria<br>Festa tal-Konverżjoni ta' l-Appostlu Missierna San Pawl – Knisja Marsalforn |
| **28, Tnejn** | Lectio Divina Saċerdoti Zona Ċ – (Parroċċa Qala fil-4.00 p.m.) |
| **31, Ħamis** | San Ġwann Bosco Saċerdot – Tifkira (0). |